



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.12.2011  
KUMM(2011) 913 finali

2011/0449 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro  
kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020')**

{SEG(2011) 1614 finali}

{SEG(2011) 1615 finali}

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Il-programm Pericles huwa programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Il-programm ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 u l-effetti tagħha ġew estenzi għall-Istati Membri tal-UE li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001. Emendi sussegwenti għal dawn l-atti bażiċi permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE estendew it-tul tal-programm sal-31 ta' Diċembru 2013.

It-Trattat jirrifletti tħassib dwar il-protezzjoni tal-euro billi jipprovdi għall-miżuri meħtieġa għall-użu tiegħu bħala munita unika (l-Artikolu 133 TFUE).

Peress li l-bażi legali tal-Pericles se tiskadi fi tmiem l-2013, is-sostituzzjoni tagħha għandha tiżgura l-kontinwità tal-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri bil-għan li jitjiebu l-iskambji tal-persunal u l-informazzjoni, li jitwettqu l-istudji u li jiġi pprovdut it-taħriġ jew l-assistenza teknika u xjentifika biex l-euro jkun imħares kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata.

L-euro jibqa' bersall attraenti għal gruppi kriminali organizzati attivi fl-iffalsifikar tal-flus, mhux biss fl-Europa iżda wkoll f'reġjuni oħra tad-dinja. Id-dimensjoni internazzjonali tat-teddida fir-rigward tal-iffalsifikar tal-euro titlob li jkun hemm koordinazzjoni sovranaazzjonali biex tiġi ffaċċjata; permezz tal-programm Pericles, il-Kummissjoni tmexxi din il-koordinazzjoni permezz ta' skambji, attivitajiet ta' taħriġ u assistenza teknika. B'mod partikolari, permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġija ta' taħriġ u assistenza speċifika<sup>1</sup> miftiehma mal-Istati Membri, il-programm jikkumplimenta taħriġ nazzjonali billi jżid dimensjoni multi-dixxiplinarja u transnazzjonali. Joffri lill-benefiċjarji l-opportunità li jieħdu sehem f'taħriġ internazzjonali, u jgħolli l-istandard tal-kooperazzjoni barra l-Unjoni Europea billi jinvolvi direttament l-iktar pajjiżi terzi sensittivi f' attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi.

Il-programm jissodisfa l-ħtieġa li jibqgħu għaddejnin l-attivitajiet ta' sorveljanza, taħriġ u għajnuna teknika meħtieġa għall-appoġġ tal-ħarsien tal-euro kontra l-iffalsifikar, billi jipprovdi qafas stabbli għall-ippjanar tal-programmi tal-Istati Membri. Dan l-approċċ wassal għal riżultati sostanzjali f'termini tal-għadd ta' persunal imħarreġ, l-istandard tat-taħriġ, is-sinerġija, u r-riżultati operattivi għall-protezzjoni tal-euro.

### **2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

**2.1.** Il-programm Pericles jinkludi sett ta' attivitajiet multidixxiplinarji li jinvolvu l-partijiet interessati li huma kollha importanti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-euro iżda li l-kontribut tagħhom jieħu forom differenti tekniċi, legali, finanzjarji u korpi għall-infurzar tal-liġi.

---

<sup>1</sup> Ara l-Anness.

Il-Kummissjoni ġabret l-opinjoni tal-partijiet interessati tal-programm Pericles permezz ta' (i) valutazzjoni ta' nofs it-terminu li saret fost il-benefiċjarji tal-programm fil-bidu tal-2011; (ii) il-formoli tal-valutazzjoni li l-parteċipanti fl-attivitajiet Pericles jimlew wara kull avveniment; u (iii) l-opinjoni espressi mill-esperti fil-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG)<sup>2</sup>, fejn l-implimentazzjoni tal-programm Pericles tkun waħda mill-punti fissi għad-diskussjoni. Il-valutazzjoni ta' nofs it-terminu turi grad għoli ta' sodisfazzjon bil-programm; il-benefiċjarji kollha (100%) kienu sodisfatti u rakkomandaw li l-programm jiġi estiż lil hinn mill-2013. Huma apprezzaw ukoll il-ġestjoni tal-programm mill-Kummissjoni: 98% tal-parteċipanti fl-attivitajiet ta' Pericles kienu sodisfatti b'dak l-aspett. Barra minn hekk, l-esperti tal-ECEG qiesu li l-livell tal-involviment tagħhom fil-ġestjoni tal-programm kien sinifikanti jew sinifikanti ħafna kemm fuq livell multilaterali kif ukoll bilaterali.

L-opinjoni tal-benefiċjarji u l-opinjoni tal-esperti juru li l-attivitajiet ta' taħriġ ta' Pericles (i) iżidu l-għadd ta' persuni mħarrġa fil-livell nazzjonali u jgħollu l-istandard tat-taħriġ billi jżidu d-dimensjoni internazzjonali u multidixxiplinari; (ii) jikkumplimentaw u jżidu mat-taħriġ nazzjonali; (iii) għandhom rabta diretta mar-riżultati operazzjonali (taħriġ tal-persunal direttament involut fil-protezzjoni tal-euro, bħall-pulizija u l-persunal ġudizzjarju u finanzjarju); u (iv) huma strumentali biex jippermettu li l-benefiċjarji jwettqu taħriġ tagħhom stess.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni, ġew identifikati għadd ta' oqsma għal titjib. Fost affarijiet oħra dawn għandhom x'jaqsmu mas-simplifikazzjoni ta' kif jiġi ddeterminat l-ammont tal-għotja u biex jiġu ċċarati l-proċeduri. Il-proposta tal-Kummissjoni tikkunsidra dawn is-suġġerimenti.

**2.2.** Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt. Ġew ikkunsidrati erba' alternattivi:

Alternattiva 1: Il-programm ikompli bl-istess livell ta' finanzjament (ix-xenarju bażi).

Alternattiva 2: Il-programm Pericles jiġġedded b'objettivi u metodoloġiji aħjar, inkluża b' mod partikolari żieda tar-rata massima tal-kofinanzjament.

Alternattiva 3: Il-fużjoni ta' Pericles ma' programmi oħrajn tal-Kummissjoni.

Alternattiva 4: Il-programm Pericles jitwaqqaf, u jitħalla fidejn l-Istati Membri biex jorganizzaw attivitajiet fil- livell nazzjonali biex jiproteġu l-euro.

Fid-dawl tal-esperjenza tal-passat, li hija marbuta mill-qrib mal-attivitajiet kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-Kummissjoni biex jiproteġu l-munita tal-euro, kif ukoll l-impatt mistenni, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet, hija ppreferuta l-alternattiva li l-programm jiġġedded b'objettivi u metodoloġiji aħjar. Din l-alternattiva għandha allokkazzjoni baġitarja fi prezzijiet reali li tibqa' simili għall-allokkazzjoni attwali (madwar miljun euro fis-sena). Iżżid il-flessibilità sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-għotja billi tiġi ssimplifikata l-kalkolazzjoni tal-ispejjeż li jitħallsu mill-Istati Membri<sup>3</sup>; din twessa' l-firxa ta' attivitajiet eliġibbli billi tagħmilha possibbli li jiġi ffinanzjat ix-xiri ta' tagħmir biex jintuża minn aġenziji speċjalizzati fil-qasam kontra l-iffalsifikar biex iħarsu l-euro kontra l-iffalsifikar; u

<sup>2</sup> Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni/l-OLAF dwar l-Iffalsifikar tal-Euro jiltaqa' tliet darbiet fis-sena u jgħaqqad flimkien esperti mill-Istati Membri u mid-dixxiplini rilevanti kollha, kif ukoll il-Europol, l-Interpol u l-Bank Ċentrali Ewropew.

<sup>3</sup> Ara l-Artikoli 8 sa 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001.

żżid ir-rata ta' kofinanzjament sa massimu ta' 90% tal-ispejjeż eliġibbli, f'każijiet debitament ġustifikati. Din għandha tipprovdi risposta għal tendenza li żviluppat fis-snin riċenti, fejn l-Istati Membri huma inqas kapaċi biex jikkofinanzjaw proġetti minħabba nuqqas ġenerali ta' fondi disponibbli għal amministrazzjonijiet pubbliċi. Permezz ta' rata iktar għolja ta' kofinanzjament se jkun partikolarment iktar faċli li jkun hemm distribuzzjoni ġeografika iktar ibbilanċjata ta' attivitajiet billi toffri iktar opportunitajiet għall-Istati Membri biex japplikaw.

B'kuntrast, it-twaqqif tal-programm inaqqas in-nefqa fil-livell tal-UE, iżda mingħajr ma jiġi ġġenerat tfaddil reali u tpaċija ta' riżorsi fil-livell nazzjonali jew fil-qafas ta' programm ieħor tal-UE, u għaldaqstant titpoġġa fil-periklu l-protezzjoni effettiva u uniformi tal-euro fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

#### **3.1 Ħarsien kontra l-iffalsifikar tal-euro**

L-Unjoni Europea teżerċita kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (Artikolu 3 (1) (c) TFUE).

It-Trattat jipprovdi li l-Parlament Europew u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika tagħhom (l-Artikolu 133 TFUE). Dawn il-miżuri jinkludu wkoll il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Fuq il-bażi ta' dak l-Artikolu, il-protezzjoni tal-euro bħala l-munita unika hija taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE (l-Artikolu 3(1)(c) TFUE). B'mod parallel, l-awtoritajiet nazzjonali joħorġu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, skont l-Artikolu 128 TFUE. L-Istati Membri adottaw leġiżlazzjoni nazzjonali u stabbilixxew regoli interni li jiproteġu l-euro.

Il-programm Pericles għandu x'jaqasma ma' din l-isfera speċifika ta' attività tal-Kummissjoni Europea u mal-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej l-oħra, b'mod iktar partikolari permezz tal-OLAF.

Huwa essenzjali li għandu jkompli jkun hemm strument iddedikat speċifikament lejn il-protezzjoni tal-euro kontra l-frodi u l-iffalsifikar. Appoġġ minn programmi mfassla biex ikollhom impatt usa' ikunu anqas effettivi fl-indirizzar ta' kwistjoni speċifika bħal din u, f'termini politiċi, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom juru li jikkondividu determinazzjoni vera biex dan l-aspett importanti tal-politika tal-UE u tal-identità Ewropea jiġi trattat. Għalhekk, il-programm Pericles se:

- jimmira esklużivament lejn il-protezzjoni tal-euro, fil-kuntest ta' viżjoni fit-tul li tkun konsistenti mal-għanijiet l-oħra tal-UE, fuq il-bażi tal-prijoritajiet stabbiliti kull sena għal dan il-qasam speċifiku ta' kompetenza esperta,
- jippermetti l-implimentazzjoni ta' programmi oħra tal-UE li jiffokaw fuq prijoritajiet oħra minbarra l-ħarsien tal-euro,
- jikkunsidra b'mod sħiħ ir-riżultati tal-attivitajiet diġà kofinanzjati fil-passat f'dan il-qasam, inkluż f'termini ta' regoli speċifikament maħsuba għall-benefiċjarji u l-bilanċ ġeografiku;

- jimmira mhux biss biex ikollu impatt dirett fuq is-sitwazzjoni ta' xi Stati Membri iżda li jqiegħed enfasi qawwija fuq id-dimensjoni tal-UE tal-protezzjoni tal-munita unika tal-Europa.

### **3.2 Simplifikazzjoni**

Ta' prijorità għall-Kummissjoni f'dan il-programm, bħal fi programmi oħrajn fi h'dan il-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF), huwa li jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju u jiġi ffaċilitat kemm jista' jkun l-aċċess għal dan il-programm għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri u l-utilizzazzjoni tiegħu fil-pajjiżi terzi rilevanti. Dan l-approċċ huwa applikat f'Pericles 2020 billi ġiet ipprovduta proċedura amministrattiva iktar sempliċi, koerenti u standardizzata għall-benefiċjarji biex jiksbu aċċess għall-finanzjament.

Il-proposta tal-programm hija kompletament konsistenti mar-Regolament Finanzjarju u mad-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu. L-għotjiet u l-akkwisti huma l-istrumenti finanzjarji ewlenin użati biex jiġi implimentat il-programm. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-valutazzjoni ta' nofs it-terminu, permezz tal-programm se jkun iktar sempliċi għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jippreparaw l-applikazzjonijiet. Biex jissimplifika l-proċeduri u jnaqqas il-piż amministrattiv, il-kalkolu tal-ammonti li jingħataw se jsir iktar ċar u l-programm se jsir iktar faċli biex jintuża. Il-leġiżlazzjoni se tkun emendata biex tippermetti iktar flessibbiltà fl-użu tal-ammont mogħti; dan il-għan se jintlaħaq billi jiġu ssimplifikati dawk id-dispożizzjonijiet finanzjarji fil-programm li jiddefinixxu strettament l-ispejjeż speċifiċi li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

Miżura oħra ta' simplifikazzjoni prevista tinvolvi li r-rappreżentati tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti kontra l-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG) jiġu infurmati u kkonsultati direttament fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm. Għalhekk, it-titjib fl-implimentazzjoni u l-proċeduri jista' jkun inkluż b'mod iktar dirett fil-programm ta' Ħidma Annwali fuq il-bażi tar-reazzjonijiet li jaslu minn esperti li jipparteċipaw f'dan il-Grupp.

### **3.3 Konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-valur miżjud tal-programm**

Il-programm Pericles hu marbut parzjalment mal-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea, u partikolarment tal-OLAF, u ma' koperazzjoni mal-istituzzjonijiet u korpi Ewropej u mal-Istati Membri. Għalhekk, fihom infushom, l-oġettivi ewlenin tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'azzjoni fil-livell nazzjonali biss.

Il-konsultazzjoni tal-2011 mal-partijiet prinċipali interessati kkonċernati bl-implimentazzjoni tal-programm Pericles uriet ukoll li l-prinċipju tal-proporzjonalità ikun rispettat bis-sħiħ.

Il-Kummissjoni tagħti bidu għall-programmazzjoni annwali u multiannwali tal-Unjoni (l-Artikolu 17 TUE). L-Unjoni tista' tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Din l-azzjoni tista' tinkludi l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' impjegati fis-servizz ċivili kif ukoll l-appoġġ għal skemi ta' taħriġ. In-nefqa fil-livell tal-UE fir-rigward tal-protezzjoni tal-euro hija għalhekk iġġustifikata f'termini ta' kompetenza esklużiva tal-UE. Il-valur miżjud tal-programm Pericles jidher primarjament mir-riżultati li joħroġu minn taħriġ u għajnuna kollettivi u speċjalizzati; taħriġ bħal dan, attivitajiet multidixxiplinarji u internazzjonali li jqajmu kuxjenza u assistenza oħra speċjalizzata jitwettqu biss fuq il-bażi tal-programm Pericles. Barra minn hekk, l-iskambji tal-persunal, wieħed mill-iktar karatteristiċi li rnexxew

tal-programm Pericles li jikkontribwixxu fil-kooperazzjoni u networking iktar mill-qrib, qajla jseħħu fin-nuqqas tal-programm Pericles.

Pericles kien qed jikkontribwixxi għal livell għoli ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, bir-riżultat ta' livelli baxxi ta' ffalsifikar tal-euro u identifikazzjoni regolari ta' stamperiji u zekki illegali bil-konsegwenza ta' arresti ta' falsifikaturi. Il-programm Pericles 2020 se jagħti kontribut sostanzjali għaż-żamma u t-titjib ulterjuri ta' livell għoli tal-protezzjoni tal-euro assoċjat mal-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali, tal-iskambji u tal-assistenza. Fl-istess ħin, se jkun hemm tfaddil komplessiv permezz ta' attivitajiet u akkwisti organizzati kollettivament, meta mqabbel ma' inizjattivi nazzjonali individwali potenzjali. Il-prijoritajiet u l-istrateġiji ta' implimentazzjoni huma diskussi regolarment fil-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG). L-ECEG jikkoordina l-attivitajiet ta' Pericles u huwa assoċjat mal-eżekuzzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, l-għanijiet ġew imġedda b'attenzjoni speċjali għall-istipular ta' kriterji Speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jinkisbu, li jkunu rilevanti u marbuta biż-żmien (SMART). Dan ser jgħin ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ xierqa.

### **3.4 Bażi ġuridika**

Il-bażi legali għal din il-proposta huwa l-Artikolu 133 tat-TFUE. L-applikazzjoni tal-programm Pericles se jiġi estiż għall-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom, permezz ta' proposta għal Regolament parallel ibbażat fuq l-Artikolu 352 TFUE.

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-programm ikopri l-perjodu 2014-2020.

Il-baġit kumplessiv huwa ta' EUR 7 700 000 fi prezzijiet attwali. Dan l-ammont huwa f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-perjodu 2014-2020 'Baġit għall-Ewropa 2020'<sup>4</sup>.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta għal Regolament tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi amministrattivi meħtieġa.

---

<sup>4</sup> COM(2011)500.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro  
kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020')**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>5</sup>,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Membri intrabtu bl-oġettiv li jistabilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika. Dawn il-miżuri jinkludu il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001<sup>6</sup> tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar jipprovdi għal skambji ta' informazzjoni, koperazzjoni u assistenza reċiproka, u b'hekk jistabilixxi qafas armonizzat għall-protezzjoni tal-euro. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kienet estiża għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita unika tagħhom, sabiex jiġi pprovdut livell ta' protezzjoni ekwivalenti tal-euro fl-Unjoni.
- (3) Attivitajiet bil-għan li jippromwovu l-iskambji tal-informazzjoni u tal-persunal, għajjnuna teknika u xjentifika u taħriġ speċjalizzat jgħinu b'mod sinifikanti biex jipproteġu l-munita unika tal-Ewropa kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata biex b'hekk jintlaħaq livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni.
- (4) L-appoġġ fl-imgħoddi għal dawn l-inizjattivi, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabilixxi skambju, għajjnuna u programm ta' taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles")<sup>7</sup>,

<sup>5</sup> ĠU L xxx xxx, p. x.

<sup>6</sup> ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 339, tat-21.12.2001, p. 50).

għamilha possibbli li jitjiebu l-attivitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. L-għanijiet tal-programm Pericles kemm għall-perjodu 2002-2006 kif ukoll għall-perjodu 2007-2013 kienu ntlaħqu b'suċċess.

- (5) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt fl-2011, sabiex jiġi evalwat jekk il-programm għandux jittkompla.
- (6) Biex tkompli u tiżviluppa iktar l-attivitajiet fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, waqt li tqis ukoll sfidi ġodda f'kuntest tal-awsterità tal-baġit. Taħt il-Programm il-ġdid, il-proposti ppreżentati mill-Istati Membri parteċipanti jistgħu jinkludu parteċipanti minn pajjiżi terzi, jekk il-preżenza tagħhom tkun importanti għall-protezzjoni tal-euro.
- (7) Għandu jiġi żgurat illi dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni jkun konsistenti u komplimentari ma' programmi u attivitajiet oħrajn. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-konsultazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-protezzjoni tal-euro mal-partijiet prinċipali involuti (partikolarment l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura mill-Istati Membri, il-BĊE u l-Europol) fi ħdan il-kumitat konsultattiv xieraq previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, partikolarment fir-rigward tal-iskambju, l-għajnuna u t-taħriġ, bl-iskop li jiġi implimentat dan il-programm.
- (8) Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru. XX/XX ta' XX 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea. L-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, penali.
- (9) Il-valutazzjoni tal-programm immexxija mal-partijiet interessati turi l-valur miżjud tal-programm Pericles, f'termini tal-livell għoli ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, kif ukoll il-komplementarjetà ma' attivitajiet meħuda fil-livell nazzjonali, li jirriżultaw f'iktar effettività. Il-kontinwazzjoni tal-programm Pericles fil-livell tal-Unjoni hija mistennija tagħmel kontribut sostanzjali għaż-żamma u t-titjib ulterjuri tal-livell għoli ta' protezzjoni tal-euro assoċjata mal-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali, tal-iskambji u tal-assistenza. Fl-istess ħin, se jkun hemm tfaddil komplessiv permezz ta' attivitajiet u akkwisti organizzati kollettivament, meta mqabbel ma' inizjattivi nazzjonali individwali potenzjali.
- (10) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport interim indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-programm u rapport finali dwar il-ksib tal-għanijiet tiegħu.
- (11) Dan ir-Regolament jikkonforma mal-prinċipji tal-valur miżjud u tal-proporzjonalità. Il-programm Pericles jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex l-euro jkun protett mill-falsifikazzjoni, mingħajr ma jiġu mimsusa r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri, u b'użu iktar effiċjenti tar-riżorsi minn dak li seta' jsir fil-livell nazzjonali. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa u ġġustifikata għax tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament



jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni sabiex tizzied il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

- (12) Il-programm se jibqa' għaddej għal perjodu ta' seba' snin sabiex it-tul tiegħu jiġi allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju multiannwali stabbiliti fl-[Artikolu 1] tar-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020.
- (13) Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali li jstabbilixxu l-prijoritajiet, it-tqassim analitiku tal-baġit u l-kriterji ta' valutazzjoni għall-għotjiet għal attivitajiet. Sabiex ikun żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.
- (14) Dan ir-Regolament jstabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, allokkazzjoni finanzjarja totali li tikkostitwixxi r-referenza primarja, skont it-tifsira tal-Punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u fuq il-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (15) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, sanzjonijiet.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## **Kapitolu I**

### **Dispożizzjonijiet ġenerali**

#### *Artikolu 1*

#### *Suġġett*

Il-programm ta' azzjoni multiannwali 'Pericles 2020' (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm") huwa b'dan stabbilit biex jippromwovi attivitajiet għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata. Il-Programm għandu jibda mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

## *Artikolu 2*

### *Valur miżjud*

Il-programm għandu jikkontribwixxi biex ikun hemm iktar kooperazzjoni transnazzjonali għall-protezzjoni tal-euro fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali u effettività ikbar ta' dawn l-operazzjonijiet fuq il-bażi tal-aħjar prattiki, standards komuni u taħriġ speċjalizzat konġunt.

## *Artikolu 3*

### *Objettiv ġenerali tal-Programm*

L-għan ġenerali tal-Programm għandu jkun li jipprevjeni u jiġġielew kontra l-frodi u l-iffalsifikar biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

## *Artikolu 4*

### *Objettiv speċifiku tal-Programm*

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkun li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Dan l-objettiv għandu jitkejjel, fost oħrajn, permezz tal-effettività tal-azzjoni minn awtoritajiet finanzjarji, tekniċi, u dawk ġudizzjarji, kif imkejjel permezz tal-għadd ta' flus foloz misjuba, ħwienet tax-xogħol illegali żarmati, individwi arrestati u sanzjonijiet imposti.

## *Artikolu 5*

### *Korpi eliġibbli għal finanzjament*

Il-korpi eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-programm huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, kif imfisser fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001.

## Artikolu 6

### *Parteċipazzjoni fil-Programm*

Il-pajjiżi parteċipanti għandhom ikunu l-Istati Membri li adottaw l-euro bħala l-munita unika tagħhom. Il-proposti ppreżentati minn dawn l-Istati Membri jistgħu jinkludu parteċipanti minn pajjiżi oħra, jekk il-preżenza tagħhom tkun importanti għall-protezzjoni tal-euro.

## Artikolu 7

### *Gruppi identifikati u attivitajiet konġunti*

1. Il-programm għandu jkun immirat għal parteċipazzjoni tal-gruppi li ġejjin:
  - (a) impjegati tal-aġenziji involuti fis-sejbien tal-iffalsifikar u fil-ġlieda kontrih (b'mod partikolari, korpi tal-pulizija u amministrazzjonijiet finanzjarji skont il-funzjoni speċifika tagħhom fil-livell nazzjonali);
  - (b) il-persunal involut fil-ġbir ta' informazzjoni;
  - (c) rappreżentanti tal-banek ċentrali nazzjonali, taz-zekki, tal-banek kummerċjali u ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn (b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-obbligi tal-istituzzjonijiet finanzjarji);
  - (d) uffiċjali ġudizzjarji u avukati speċjalizzati f'dan il-qasam;
  - (e) kull grupp ieħor ta' speċjalisti kkonċernati (bħal pereżempju, kmamar tal-kummerċ u tal-industrija jew strutturi simili li joffru aċċess lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, bejjiegħa bl-imnut u kumpaniji tal-flus kontanti fi tranżitu.
2. Attivitajiet taħt il-Programm jistgħu jiġu organizzati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u msieħba oħrajn li għandhom kompetenza rilevanti, bħal:
  - (a) il-banek ċentrali nazzjonali u l-BĊE;
  - (b) iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Analiżi (NACs) u ċ-Ċentri Nazzjonali ta' Analiżi tal-Muniti (CNACs);
  - (c) (ċ) iċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u z-zekek nazzjonali;
  - (d) Il-Europol u l-Interpol u l-Eurojust;
  - (e) l-uffiċċji ċentrali nazzjonali kontra l-iffalsifikar, kif provdut fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Trażżin tal-Iffalsifikar tal-Flus iffirmata f'Ġinevra fl-20 ta' April 1929<sup>8</sup> u aġenziji oħrajn speċjalizzati fil-prevenzjoni, fis-sejbien u fl-infurzar tal-liġi b'konnessjoni mal-iffalsifikar;

---

<sup>8</sup> Serje ta' Trattati tal-Lega tan-Nazzjonijiet Nru 2623 (1931), p. 372.

- (f) korpi speċjalizzati kkonċernati fil-qasam tat-teknoloġija tad-dupplikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni, stampaturi u inċiżuri;
- (g) kull korp ieħor li joffri l-kompetenza speċifika tiegħu, inklużi, fejn meħtieġ, korpi bħal dawn minn pajjiżi terzi u b'mod partikolari l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

## *Artikolu 8*

### *Attivitajiet eliġibbli*

- 3. Il-programm għandu jkoll aspetti transnazzjonali u multidixxiplinarji tal-għieda kontra l-iffalsifikar u għandu jipprova l-aħjar prattiki adattati għall-ispeċifitajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru.
- 4. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet konformi mal-għanijiet stipulati fl-Artikoli 3 u 4, b' mod partikolari:
  - (a) Skambju ta' informazzjoni, partikolarment permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars, apprendistati b'fokus partikolari u skambji tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u attivitajiet oħra simili. L-iskambju ta' informazzjoni se jkun immirat fost l-oħrajn lejn:
    - metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-iffalsifikar;
    - it-tħaddim ta' databases u sistemi ta' twissija bikrija;
    - l-użu ta' għodda ta' individwazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuter;
    - il-metodi ta' inkjesta u investigazzjoni;
    - assistenza xjentifika (b'mod partikolari databases xjentifiki u għassa u kontroll teknoloġiku dwar żviluppi għodda);
    - il-protezzjoni tal-euro barra l-Unjoni Ewropea;
    - attivitajiet ta' riċerka, u
    - il-forniment ta' kompetenzi speċifiċi operazzjonali;
  - (b) Appoġġ tekniku, xjentifiku u operazzjonali, inklużi b'mod partikolari:
    - kull miżura li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni Ewropea (ktejjeb tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, databases, b'mod speċjal fil-qasam ta' l-assistenza xjentifika u l-għassa tat-teknoloġija) jew programmi tal-kompjuter li joffru appoġġ (bħal pereżempju software);
    - studji relevanti b'dimensjoni multidixxiplinarja u transnazzjonali;

- l-iżvilupp ta' strumenti u metodi tekniċi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' sejbien fil-livell tal-Unjoni Ewropea;
  - appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni f'operazzjonijiet li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati meta dan l-appoġġ ma jkunx disponibbli minn programmi oħrajn tal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej.
- (c) Għotjiet għall-iffinanzjar tax-xiri tat-tagħmir li jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-iffalsifikar, għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

## Kapitolu II

### Qafas finanzjarju

#### *Artikolu 9*

#### *L-allokazzjoni finanzjarja*

L-allokazzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandha tkun EUR 7 700 000, fi prezzijiet attwali.

#### *Artikolu 10*

#### *Għajnuna finanzjarja u kofinanzjament*

5. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Programm skont ir-Regolament Finanzjarju.
6. Il-finanzjament tal-Unjoni għal attivitajiet previsti taħt l-Artikolu 8 għandu jieħu l-forma ta':
  - (a) Għotjiet;
  - (b) L-akkwist pubbliku
7. Ix-xiri ta' tagħmir m'għandux ikun l-uniku komponent tal-ftehim tal-għotja.
8. Ir-rata ta' kofinanzjament għal għotjiet aġġudikati taħt il-programm ma għandhiex taqbeż it-80% tal-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, definiti fil-programm annwali ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11, ir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex taqbeż id-90% tal-ispejjeż eliġibbli.
9. Fejn l-attivitajiet previsti fl-Artikolu 8 jkunu organizzati flimkien ma' msieħba oħrajn, bħal pereżempju l-BĊE, il-Eurojust, il-Europol jew l-Interpol, l-ispejjeż li jkun hemm għandhom jinqasmu bejn l-imsieħba. Fi kwalunkwe każ, kull sieħeb għandu jħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni tal-kelliema mistiedna tiegħu.

## *Artikolu 11*

### *Il-programm ta' ħidma annwali*

Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu tal-implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat i għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.

Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.

## **Kapitolu III**

### **Sorveljanza u valutazzjoni**

## *Artikolu 12*

### *Il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-ġestjoni*

1. Il-programm għandu jkun implimentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm, fi ħdan il-kumitat konsultattiv addattat previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri rilevanti meħuda minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-BĊE u l-Europol. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżgura li jkun hemm konsistenza u kumplimentarjetà bejn dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea u programmi u attivitajiet oħrajn rilevanti
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni annwali dwar ir-riżultati tal-Programm. Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar il-konsistenza u l-komplementarjetà ma' programmi u attivitajiet oħrajn fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha kontinwament tidistribwixxi r-riżultati tal-attivitajiet appoġġati permezz tal-programm. Il-pajjiżi parteċipanti kollha għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-dejta u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun possibbli li jsiru l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm.
3. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-programm. Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni għandha ttejjji rapport ta' valutazzjoni dwar il-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tagħhom, fil-perspettiva ta' deċiżjoni li tittieħde fuq it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, il-valutazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni,

il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-objettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħroġu mill-valutazzjoni fir-rigward tal-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel. L-impatti fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-Programm għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb li jkun hemm kontribut għal deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni possibbli ta' xi Programm sussegwenti.

4. Barra minn hekk sal-31 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kisba tal-objettivi tal-Programm.

### *Artikolu 13*

#### *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha adattati illi jiżguraw li, meta xi attivitajiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u li jservu ta' deterrent.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu verifika, fuq il-bażi ta' dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji ta' għotjiet, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa awtorizzat li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEEA, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim, deċiżjoni jew kuntratt ta' għotja li jirrigwardaw fondi tal-Unjoni.

Mingħajr ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet, deċiżjonijiet u kuntratti ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF is-setgħa li jwettqu verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn.

## Kapitolu IV

### Dispożizzjonijiet finali

#### *Artikolu 14*

##### *Tħassir*

Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE<sup>9</sup>, 2001/924/KE<sup>10</sup>, 2006/75/KE<sup>11</sup>, 2006/76/KE<sup>12</sup>, 2006/849/KE<sup>13</sup> u 2006/850/EC<sup>14</sup> qed jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Madankollu, obligazzjonijiet finanzjarji relatati ma' azzjonijiet segwiti taħt dawk id-Deċiżjonijiet għandhom ikompli jsiru skond dik id-Deċiżjoni sakemm jitlestew.

#### *Artikolu 15*

##### *Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>9</sup> ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50.

<sup>10</sup> ĠU L 339, 21.12.2001, p. 55.

<sup>11</sup> ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40.

<sup>12</sup> ĠU L 36, 8.2.2006, p. 42.

<sup>13</sup> ĠU L 330, 28.11.2006, p. 28.

<sup>14</sup> ĠU L 330, 28.11.2006, p. 30.



## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

### **2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR**

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

### **3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i
- 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa
  - 3.2.1. *Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*
  - 3.2.3. *Stima tal-impatt fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
  - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*
  - 3.2.5. *Parteċipazzjoni tal-partijiet terzi fil-finanzjament*
- 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...] tistabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020")

#### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-programm Pericles biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

#### 1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB<sup>15</sup>

Qasam ta' politika: 24 - Il-ġlieda kontra l-frodi

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam **ma' azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>16</sup>

Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam **ma' azzjoni indirizzata mill-ġdid għal azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettivi

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni li fuqhom qed tiffoka l-proposta/inizjattiva*

Din il-proposta hija parti minn pakkett tal-Kummissjoni marbut mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (il-kofinanzjament ta' programm tal-UE fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020).

L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiproteġu l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, biex b'hekk jassistu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

<sup>15</sup> ABM: Activity-Based Management [Ġestjoni Imsejsa fuq l-Attività] – ABB: Activity-Based Budgeting [Ibbaġittjar Imsejjes fuq l-Attività].

<sup>16</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/ċi u l-Attività/ajiet ABM/ABB kkonċernati [l-attività ABM/ABB numru 240202]*

L-għanijiet fuq tul ta' żmien qasir tal-Programm għandhom jinkludu:

- (1) li titqajjem kuxjenza dwar id-dimensjoni tal-Unjoni u dik internazzjonali tal-euro; li jitwessa' t-tagħrif ġenerali relatat mal-protezzjoni tal-euro;
- (2) l-appoġġ għall-prevenzjoni u l-kontribuzzjoni biex jittrażnu l-iffalsifikar tal-euro u l-frodi relatata permezz taħriġ u assistenza speċjalizzati f'dawn l-oqsma;
- (3) il-promozzjoni tal-konverġenza ta' attivitajiet ta' taħriġ ta' livell għoli għal min iħarreġ, billi jitqiesu l-istrateġiji operattivi nazzjonali;
- (4) l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-istrutturi u l-persunal ikkonċernat, l-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka u l-iskambju tat-tagħrif, inter alia dwar metodi ta' azzjoni, esperjenza u prassi tax-xogħol;
- (5) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' protezzjoni speċifika ġuridika u ġudizzjarja tal-euro;
- (6) żieda fil-livell ta' protezzjoni tal-euro f'dawk il-pajjiżi li mill-valutazzjoni tagħhom irriżulta li qegħdin fir-riskju billi jkun appoġġjat ix-xiri ta' tagħmir speċifiku.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni/mistennija*

